## Ħidma bis-soldi

Bosta minn dawk li fil-gwerra kienu jaħdmu il-ħobż għadhom ħajjin u jafu kemm kienu jbatu biex jaqalgħu ftit flus. Waħda li kienet tagħmel dan ix-xogħol. qalet li kienu jgħaġnu d-dqiq fil-lenbijiet, u meta l-għaġina titla' bil-ħmira, kienu jqegħduha fuq l-ixkaffa mgħottija bl-inċerata biex ma tinxifx, u wara jaqtugħa ħobż ħobż. Minn-lejliet kienu jżommu ftit għaġina tal-ħmira biex l-għada tidħol fil-għaġna. Minn qantar dqiq kienu joħorġu mitt ħobża, u kienu jaħdmu erba' qnatar kuljum; ta' kull qantar dqiq magħġun kienu jieħdu xelin u sold, għalhekk kienu jdaħħlu erba' xelini u erba' soldi kuljum, li jagħmlu xi tnejn u għoxrin ċenteżmu ta' żmienna; veru li l-valur tal-flus inbidel, iżda wkoll għal dak iż-żmien, il-ħlas kien miżeru. Jekk kien jibqagħlhom xi nitfa għagina din kienert issir ftajjar biz-zokkor, kif konna wkoll nagħmlu d-dar bi ftit dqiq bl-ilma moqlijin.

Fi Frar u Marzu tal-1977 kienhemm strajk tal-furnara u l-bejjiegħa tal-ħobż, minħabba li riedu xi marġini ta' qliegħ aħjar għal xogħolhom. Billi dan l-istrajk dam xi jiem sewwa, il-gvern irrekwiżizzjona xi fran u beda jqassam il-ħobż permezz tal-forzi armati. iżda xorta waħda mhux kulħadd kien jilħaq il-ħobż, għalhekk xi nies tħajru jagħmu l-ħobż huma stess, u bdew joħorġu riċetti, ta' kif tagħmel il-ħobż, fuq il-gażżetti u fuq it-televiżjoni. Ġeneralment ir-riċetta kienet din: kuċċarina zokkor, ratal dqiq, uqija ħmira, ftit melħ, pinta ilma; ħallat l-ilma fietel maz-zokkor u l-ilma fid-dqiq, ħallihom joqgħodu għal xi ħamsa u tletin minuta (mhux fil-kesħa); għaġinhom, ħallihom xi għoxrin minuta oħra joqgħodu, u wara' daħħal kollox f'nar qawwi (xi erba' mitt grad Ċelsju) għal xi għoxrin jew tletin minuta.

Ta' l-imgħoddi għadda, ħadd m'għadu jaqta' u jiżen, spiċċaw il-karrettuni tal-ħobż, għax fil-ħajja li saret aktar mgħaġġla, kellna nbiddlu l-pass għax inkella nibqgħu bil-ġuħ!

---------------o---oOOOo---o----------------

## Xi Attivitajiet tal-Għaqda tal-Folklor

24-3-1991 u 30-3-1991 fuq Radju Malta 1 u 2, G.Lanfranco ipparteċipa fil-programm "Raw Malta Tinbidel" dwar drawwiet tażżwieġ ta' l-imgħoddi.

31-3-1991 Il-Posta użat it-timbru bil-kliem "Inħarsu l-Wirt Folkloristiku ta' Pajjiżna" fuq l-ittri, u fl-istess timbru deher ukoll il-logo jew l-emblema tal-Għaqda tal-Folklor, jiġifieri l-Imnara.

14-7-1991 L-Għaqda tal-Folklor organiżżat żjara fil-Mużew Marittimu tas-Sur Victor Wickman li jinsab ix-Xgħajra. Dawk li attendew sabuh ta' nteress kbir, u fil-waqt li rringrazzjajna lis-Sur Wickman għall-ospitalita' tiegħu, ħalleja donazzjoni ċkejkna ta' apprezzament u inkoraġġiment.

3-7-1991 sa 6-11-1991 Is-Sur G.Lanfranco u s-Sur Angelo Dougall taw serje ta' għaxar taħditiet bl-Ingliż dwar il-folklor lokali u fil-Mediterran, fuq ir-Radju Voice of the Mediterranean.

----------